MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## GUDIKATUR DR.
## VERONICA GALEA DEBONO

Seduta tal-21 ta' Jannar, 2010

Talba Numru. 629/2009

Coleiro General Supplies Limited. (C3429).

Vs

Mark Mizzi (Id. 65775M).

**It-Tribunal**

Ra l-Avviz tat-talba li permezz tieghu s-socjeta' attrici qed titlob il-hlas tas-somma ta' erba mija u tmenin Ewro u tlieta u disghin centezmu (€480.93) minghand il-konvenut, rapprezentanti bilanc dovut fuq prezz ta' xiri ta' merkanzija ikkonsenjata lill-konvenut fuq ordni tieghu stess, liema somma baqghet ma thallsitx mill-konvenut minkejja diversi interpellazzjonijiet lilu maghmula. Bl-ispejjes u interessi legali sad-data tal-hlas effettiv kontra l-konvenut ingunt ghas-subizzjoni.

Ra n-nota ta’ riduzzjoni tas-socjeta’ attrici li biha s-somma mitluba fl-Avviz giet ridotta bl-ammont ta’ mitt Ewro (€100) biex b’hekk is-socjeta’ attrici qed titlob il-hlas tas-somma ta’ tlett mija u tmenin Ewro u tlieta u disghin centezmu (€380.93).

Ra li mill-atti jirrizulta li ghalkemm il-konvenut gie debitament notifikat bl-Avviz, ma kkontestax il-kawza fit-terminu preskritt mil-ligi u lanqas ma deher ghas-seduti li nzammu quddiem it-Tribunal.

Ra l-Kapitolu li gie pprezentat mis-socjeta’ attrici u l-fatt li l-konvenut naqas li jidher sabiex jirrispondieh, u ghalhekk ghandu jittiehed bhala mistqarr.

Ghaldaqstant, peress illi t-talba tas-socjeta’ attrici tirrizulta sodisfacentement ippruvata, t-Tribunal jilqa’ t-talba, u jikkundanna l-konvenut ihallas s-socjeta’ attrici s-somma ta’ tlett mija u tmenin Ewro u tlieta u disghin centezmu (€380.93), bl-imghax kif mitlub fl-Avviz. L-ispejjez kollha tal-kawza kif mitluba fl-Avviz ghandhom jigu ssopportati mill-konvenut.

**Av. Veronica Galea Debono**
**Gudikant.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------